MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Citazzjoni Numru. 1182/2011

**Leonard Cutajar**
**(I.D. Nru. 474767 (M))**

**vs**

**S.C. & Co. Ltd**
**(C - 6050)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat id-29 ta’ Novembru, 2011, li permezz tieghu r-rikorrenti Cutajar sintetikament ippremetta s-segwenti:

1. Illi b’konvenju datat is-26 ta’ Frar, 1992, u kif sussegwentement estiz kif indikat fl-istess rikors promotur, is-socjeta` ntimata obbligat ruhha tbiegh lir-rikorrenti fuq indikat zewg porzjonijiet art li jgibu n-numru 22 u 23,

denominata Sqaq it-Torri, Swatar, limiti tal-Imsida, liema porzjoni art huma tal-kejl kif indikat ukoll fl-istess rikors de quo;

2. Illi r-rikorrenti nterpella lis-socjeta` ntimata skont il-konvenji ndikati biex jaddivjeni ghall-kuntratt finali fiz-zmien hemm stipulat;

3. Illi nonostante dan, is-socjeta` ntimata baqghet inadempjenti;

Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti kien ghalhekk kostrett jadixxi lil din il-qorti u jitlob is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata tigi kkundannata taddivjeni ghall-kuntratt ta' bejgh ai termini tal-kundizzjonijiet pattwiti in forza tal-konvenji minnha citati;

2. Illi tinnomina Nutar biex jircievi l-kuntratt relattiv;

3. Illi tinnomina kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumaci fuq il-kuntratt relattiv;

4. Illi tiffissa jum, hin u lok ghall-esekuzzjoni tal-kuntratt relattiv;

5. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata;

Rat id-dokumenti kollha esebiti mir-rikorrenti mar-rikors promotur tieghu;

Ikkonstatat li s-socjeta` ntimata giet debitament notifikata skont il-ligi permezz tal-pubblikazzjoni;

Tirrileva li s-socjeta` ntimata hi fi stat ta' kontumacja;

Ikkunsidrat:

Illi x-xhud prodott (ir-rikorrenti Cutajar), ikkonferma r-rikors promotur tieghu mill-gdid bil-gurament;

Illi ghalhekk, fin-nuqqas t’oppozizzjoni, din il-qorti m’ghandha l-ebda raguni valida fil-ligi biex ma tistriehx fuq l-istess xhieda guramentata hawn riferita – liema xhieda allura ma gietx kontradetta;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, takkolji t-talbiet tar-rikorrenti Cutajar u konsegwentement:

1. Tikkundanna lis-socjeta` ntimata S.C. & Co. Ltd (C – 6050) biex taddivjeni ghall-kuntratt ta’ bejgh ai termini al-kondizzjonijiet pattwiti in forza tal-konvenji citati mir-rikorrenti Leonard Cutajar fir-rikors promotur tieghu, kif estizi u emendati, u li jirrigwardaw zewg (2) porzjonijiet art enumerati 22 u 23 mill-art denominata tas-Sqaq it-Torri, Swatar, limiti tal-Imsida, u ghal dak li jirrigwarda plot 22: tal-kejl ta’ circa 186.86 metri kwadri nkluza l-arja stradali; u ghal dak li jirrigwarda plot 23: tal-kejl ta’ circa 172.49 metri kwadri, li minnhom 4.37 qasab kwadri huma stradali, liberi u franki, bid-drittijiet u pertinenzi taghhom kollha;

2. Tinnomina ghal dan il-ghan lin-Nutar Dottor Jean Carl Debono biex fi zmien xahrejn (2) mil-lum jirredigi, jirregistra u jippubblika l-att kontrattwali relattiv skont il-ligi;

3. Tinnomina wkoll ghal kull buon fini lill-Kuratur Deputat li jkun imissu skont it-turn biex fl-eventwali kontumacja tas-socjeta` ntimata S.C. & Co. Ltd. jidher hu/hi fuq l-istess att in rapprezentanza tal-imsemmija socjeta` ntimata;

4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` ntimata de quo.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------